**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 2692/97 AJM

Kawza numru

Joseph Gatt

Vs

Alfred u Joanne konjugi Farrugia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Novembru 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-kontendneti kienu involuti f'incident fit-19 ta' Dicembru 1996 meta l-konvenut kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni E-7315 u l-attur kien qieghed biz-ziemel tieghu fit-triq tat-Targa, limiti tar-Rabat meta l-konvenut gie "wrong side" u baqa' diehel fiz-ziemel ta' l-attur u kkaguna hsara konsiderevoli; illi l-incident issucceda tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; illi kawza ta' dan l-incident l-attur kellu joqtol iz-ziemel tieghu u ghamel xahar ma jahdimx; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi li l-incident de quo issuccieda tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur;
3. tikkundanna l-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fid-19 ta' Gunju 1998 li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort unikament tal-attur Joseph Gatt u dan minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Joseph Gatt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Novembru 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Ottubru 2000 meta l-Qorti laqghet it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni u ordnat in-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti presentata fis-7 ta’ Frar 2001 wara li dawn gew notifikati bic-citazzjoni kif korretta fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.
2. Bla pregudizzju d-danni reklamati huma ezagerati.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-16 ta’ Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ghas-seduta tal-lum, bil-fakolta’ tan-noti ta’ osservazzjonijiet liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti l-fakolta' lill-Qorti, sew ta' Prim Istanza kif ukoll dik fi stadju ta’ l-Appell, li tippermetti, f’kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, fuq talba tal-parti interessata, sostituzzjoni ta’ att, tibdil fl-iskritturi u kull korrezzjoni rikjesta kemm ‘l darba tali sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx *fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza.*

It-talba ta’ l-attur kienet intiza sabiex d-data tal-incident mertu tal-kawza jigi indikat tajjeb billi fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni kien tnizzel b’mod zbaljat. Tali korrezzjoni mhux biss kienet mehtiega sabiex tigi evitata konfuzjoni futura, izda ukoll permess bil-provedimenti ta’ l-artikolu fuq citat. Dan jinghad stante li l-mertu tal-kaz quddiem din il-Qorti ma giex mittiefes u l-istess eccezzjoni tal-konvenut bl-ebda mod ma giet milquta – tant hu hekk li l-istess konvenuti lanqas biss indunaw b’dan l-izbal u

l-ewwel eccezzjoni taghhom kienet indirizzata proprju lejn il-mertu tal-kaz u cioe r-responsabbilita ghall-incident li sehh bejn il-vettura taghhom u z-zimiel tal-attur.

Wara li intlaqat it-talba ghall-korrezzjoni mitluba u saret in-notifika mill-gdid tac-citazzjoni, l-konvenuti ssollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

L-incident mertu tal-kawza sehh fid-19 ta' Dicembru 1996 kif jirrizulta mil-korp tac-citazzjoni kif korretta. In-notifika mil-gdid tac-citazzjoni giet effettwata fit-23 ta' Jannar 2001. Ghalhekk bejn id-data tal-incident u n-notifika mil-gdid tac-citazzjoni lahaq skada t-terminu imsemmi fl-artikolu 2153 tal-Kap 16.

Ikkunsidrat:

Jigi rilevat fl-ewwel li l-azzjoni odjerna, ghalkemm b'indikazzjoni zbaljata tad-data tal-incident de quo, giet ppresentata fl-24 ta' Novembru 1997 u sahansitra notifikata lill-konvenuti fl-4 ta' Gunju 1998 u ghalhekk l-azzjoni saret fit-terminu preskritt mil-ligi.

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fuq imsemmija kienet tkun gustifikata kemm 'l darba l-azzjoni ma saritx fit-terminu stabbilit. Izda l-mertu proprju tal-kaz huwa l-incident li sehh bejn il-kontendenti u mhux jekk dan sehh fit-23 jew fid-19 ta' Dicembru 1996. Wara kollox ma jidhirx li bejn il-kontendenti kien hemm xi incidenti ohra simili li jistghu jigu konfuzi ma dak mertu tal-kawza. Tant hu hekk li fl-eccezzjonijiet

tal-konvenuti ppresentati fid-19 ta’ Gunju 1998 giet kkontestata r-responsabbilita’ ghall-akkadut u mhux li dan qatt ma sehh fid-data imsemmija fic-citazzjoni. Minn dan il-Qorti tifhem li meta l-attur ppresenta c-citazzjoni fl-24 ta’ Novembru 1997 ssodisfa r-rekwiziti ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 billi ghamel it-talba tieghu ghar-risarciment tal-hsarat lilu kkagunati f’incident partikolari u kien immaterjali li d-data tal-incident giet indikata erronjament.

Dan il-hsieb tal-Qorti huwa konfortat bil-provedimenti tal-artikolu 175 tal-Kap 12 fuq citat u li in forza tieghu intalbet u inghatat il-korrezzjoni. Dan jinghad ghax jekk il-ligi ta’ procedura tippermetti tibdil fl-atti jew skritturi, dejjem minghajr ma dan ibiddel is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni, tali korrezzjonijiet ma ghandhomx jkunu suggetti ghall-eccezzjonijiet ulterjuri bhal dik ta’ preskrizzjoni billi l-azzjoni hija wahda u l-mertu ma jinbidilx in forza ta’ dik il-korrezzjoni. In-notifika mill-gdid tal-att kif korrett ma hi xejn hlief kortezija lejn il-parti l-ohra li wara kollox kienet konxja ta' dak li qed isir.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri